**9 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Vincent Tanti

*versus*

Alexander Micallef

**Sentenza - Talba għal Esekuzzjoni ta'**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fis-sens illi laqgħet it-talba għal esekuzzjoni ta' sentenza ta' l-allura Qorti tal-Kummerċ.*

Il-Qorti:-

Fit-12 ta' Frar, 1997 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat din is-sentenza li biha laqgħet it-talba attriċi biex tiġi reża esegwibbli mill-ġdid sentenza preċedenti f'kawża fl-istess ismijiet deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fit-13 ta' Frar, 1992:

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta:

"Illi b'sentenza ta' dina l-istess Onorabbli Qorti tat-13 ta' Frar, 1992 fil-kawża fl-ismijiet **Vincent Tanti** *versus* **Alexander Micallef** (Ċitaz. nru. 896/86) l-attur ġie awtorizzat jagħmel diversi xogħlijiet a spejjeż tal-konvenut liema xogħlijiet saru u ġew esegwiti taħt id-direzzjoni tal-Perit Michael Angelo Refalo u ammontaw għal Lm3,000 (tlett elef lira Maltija);

Illi għaddew aktar minn tliet snin mid-data tas-sentenza u b'hekk l-istess mhix aktar esegwibbli;

Talab li dina l-Qorti:

Tiddeċidi dina l-kawża billi tirrendi esegwibbli s-sentenza fl-ismijiet **Vincent Tanti** *vs* **Alexander Micallef** (Ċitaz. nru.

896/86) deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-13 ta' Frar, 1992. Bl-ispejjeż kompriżi tal-preżenti, ta' l-ewwel kawża, tal-mandati ta' qbid 651/95 (SF) u 3/49/95 (SF) kontra l-konvenut bl-imgħax mid-data tas-sentenza oriġinali";

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

"Illi t-talba attriċi għandha tiġi respinta bl-ispejjeż għar-raġunijiet segwenti:

Illi fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-13 ta' Frar, 1992 fl-ismijiet **Vincent Tanti** *vs* **Alexander Micallef**, l-attur ma kienx talab ix-xoljiment ta' l-appalt mogħti lill-esponent u għalhekk il-pretensjoni ta' l-istess għall-ħlas tas-somma ta' Lm3,000 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li tikkonċerna xogħol kollu ġdid;

Illi x-xogħlijiet li l-attur kien ġie awtorizzat li jagħmel in forza tas-sentenza fuq imsemmija kienu jikkonsistu "f'riparzzjoni jew bdil ta' l-imsemmija aperturi ta' l-injam li jirriżultaw difettużi u mhux maħdumin skond l-arti u s-sengħa" u mhux li jordna x-xogħol kollu, anke dak mhux difettuż, mill-ġdid;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-każ";

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ittrattat;

Ikkunsidrat:

It-talba attriċi hija fis-sempliċità tagħha biex din il-Qorti tirrendi esegwibbli s-sentenza bejn il-kontendenti mogħtija minn din il-Qorti fit-13 ta' Frar, 1992 billi kienu għaddew aktar minn tliet snin mid-data tas-sentenza u dan billi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata fit-8 ta' Awissu, 1995;

Din it-talba saret a tenur ta' dak li kien jiddisponi l-artikolu 256 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, qabel ġew introdotti l-emendi bl-Att XXIV ta' l-1995;

*Ir-retroxena għall-azzjoni odjerna jirriżulta li kienet li l-*attur fl-1982 kien ikkommissjona lill-konvenut biex jaħdimlu xogħol ta' injam għall-aperturi u biex iwaħħal l-istess fil-fond "Ninfea", Triq Ta' Giorni, Ta' Giorni, liema xogħol tpoġġa fil-post għall-ħabta ta' Marzu, 1983. Wara xi żmien bdew jidhru difetti fix-xogħol u fil-materjal u b'ċitazzjoni numru 896 ippreżentata fl-1986 kontra l-konvenut odjern huwa talab:

"Previja jekk hemm bżonn dikjarazzjoni u dan occorrendo b'opra ta' perit nominat għal dan l-iskop li x-xogħol u l-materjal ta' aperturi ipprovdut mill-konvenut fuq inkarigu ta' l-atturi hu difettuż u mhuwiex maħdum skond l-arti u s-sengħa;

Tordna lill-konvenut jirrimedja, isewwi u jekk hemm bżonn jerġa' jagħmel mill-ġdid ix-xogħol u jipprovdi l-materjal ta' l-aperturi ta' l-injam difettuż esegwit u imqiegħed mill-konvenut fil-fond, "Ninfea", Triq Ta' Giorni, Ta' Giorni, San

Ġiljan u dan taħt id-direzzjoni ta' perit nominat minn din il-Qorti u għal dan il-għan;

Tiffissa terminu qasir u perentorju biex il-konvenut jesegwixxi l-imsemmija ordni tal-Qorti u in difett jekk il-konvenut iħalli jgħaddi inutilment it-terminu lilu hekk prefiss din il-Qorti:

Tawtorizza lill-attur jagħmel jew iqabbad lil min jagħmel a spejjeż tal-konvenut, u taħt dawk il-provvedimenti l-oħra li din il-Qorti jogħġobha tistabbilixxi, x-xogħol ta' riparazzjoni jew bdil skond il-każ ta' l-imsemmija aperturi ta' l-injam li jirriżultaw difettużi u mhux maħdumin skond l-arti u s-sengħa";

Irid jiġi rrilevat li dik is-sentenza laqgħet "it-talbiet kollha attriċi kif dedotti u b'dan ukoll li għall-fini definittiva d-difetti fl-injam indikati mill-perit tekniku (para. 19 tar-relazzjoni), u imsemmijin fl-korp ta' din id-deċiżjoni, taħt id-direzzjoni ta' l-istess perit arkitett Michael Angelo Refalo - a spejjeż tal-konvenut u għal dan il-għan tiffissa terminu perentorju ta' xahrejn żmien mil-lum u fin-nuqqas tawtorizza lill-attur li jimxi konformament mar-raba' talba tiegħu a spejjeż tal-konvenut u taħt id-direzzjoni ta' l-istess perit tekniku". Minn dan jirriżulta ċar li dik is-sentenza ma llikwidatx xi somma wisq inqas ma kkundannat lill-konvenut iħallas somma likwidata lill-attur;

Jirriżulta, mill-provi akkwiżiti fil-kawża odjerna, li l-konvenut, nonostante li kien għadda t-terminu prefiss bis-sentenza *de qua* a tenur tat-tielet talba fuq ċitata, baqa' inadempjenti billi ma rrimedjax għad-difetti;

• L-attur imbagħad ordna x-xogħol biex jirrimpjazza dak tal-konvenut, mingħand ħaddieħor u ħallas is-somma ta' Lm3,000 u qed jippretendi din is-somma mingħand il-konvenut;

Però, qabel ma l-attur ordna x-xogħol mill-ġdid, il-perit tekniku, fit-12 ta' Mejju, 1993, ippreżenta rikors, li kopja tiegħu hija esebita bħala dokument VT1 (a fol. 29-30 tal-proċess) li *inter alia* jgħid *illi* l-konvenut ħa l-aperturi għandu biex jirranġahom, peres li għaddew iżjed minn xahrejn mid-data tas-sentenza u l-konvenut ma lestix ix-xogħol li kellu jagħmel (u dak li laħaq għamel sar mingħajr ma ġie dirett mir-rikorrent u dan peress li l-istess rikorrent ma ġiex avżat li x-xogħol rimedjali kien ser jinbeda); issa l-attur qed jippretendi li jordna x-xogħol kollu meritu tal-vertenza mill-ġdid; tant illi huwa bagħat lir-rikorrent tliet *quotations* biex ir-rikorrent jiddiriġih dwar liema minn dawn it-tlieta għandu jaċċetta. Jirriżulta lir-rikorrent illi l-aperturi huma maqlugħin minn posthom u li jinsabu għand il-konvenut u l-attur qed jirrifjuta li jaċċetta dawn l-aperturi *ġaladarba skada ż-żmien* li fih kellu jlestihom il-konvenut u qed jinsisti li huwa, a tenur tas-sentenza, għandu d-dritt jordnahom ġodda minn mastrudaxxa ndikat mit-tlieta li kkwotawlu. Il-perit tekniku, imbagħad espona: "illi peress li r-rikorrent mhux kompetenti biex jiddeċidi huwa din il-kwistjoni, jiġi dirett dwar kif għandu jimxi minn din l-Onorabbli Qorti";

B'digriet mogħti fit-13 ta' Mejju, 1993 minn din il-Qorti, diversament ippresjeduta, il-perit tekniku ġie dirett biex jimxi komformament u a tenur tas-sentenza minnu msemmija;

*Jirriżulta li l-perit tekniku kiteb l-ittra mmarkata bħala* dokument VT2 (fol. 32) li *inter alia* tgħid li d-digriet fuq riferit "ġie ikkjarifikat lili mill-istess Imħallef bħala li, ġaladarba sad-data stipulata l-konvenut ma kkompletax ix-xogħol lilu ordnat bis-sentenza, allura l-attur mhux obbligat li jirċievi xogħol lura mingħandu u għaldaqstant huwa awtorizzat li jordna x-xogħol mill-ġdid. Mit-tliet *quotations* sottomessi mill-attur, l-orħos waħda hija dik iddatata 4 ta' Jannar, 1993 mid-ditta Cherry Homes Ltd. għand liema ditta l-attur huwa awtorizzat jordna x-xogħol bil-prezz komplessiv ta' Lm3,000";

L-attur għamel ix-xogħol u ħallas is-somma ta' Lm3,000. Jidher ċar li l-vertenza bejn il-partijiet hija dwar din is-somma billi l-konvenut jippretendi li l-attur ma kellux ibiddel kollox iżda kellu biss jirranġa u di più jallega li l-prezz tax-xogħol kien esaġerat;

M'hemmx dubbju li l-konvenut baqa' inadempjenti u allura l-attur kien in forza tas-sentenza *de qua* awtorizzat jagħmel jew iqabbad lil min jagħmel ix-xogħol biex jirranġa, jew jekk ikun il-każ, jibdel ix-xogħol difettuż li kien għamel il-konvenut;

Il-Qorti hija tal-fehma li t-talba kif dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni tista' u għandha tiġi milqugħa billi l-konvenut baqa' inadempjenti, iżda l-vera kontroversja bejn il-kontendenti, kif jirriżulta mill-provi akkwiżiti hija dwar is-somma ta' Lm3,000 ġà msemmija. Din is-somma tissemma kemm fil-premessi taċ-ċitazzjoni kif ukoll fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, però purtroppo ma tissemmiex fit-talba. Għalhekk mhux il-każ li l-Qorti *tippronunzja ruħha fuqhiex* dovuta jew le din is-somma meta l-Qorti la qiegħda tiġi mitluba tillikwida s-somma dovuta lill-attur u lanqas li tikkundanna lill-konvenut iħallasha;

L-eċċezzjonijiet intavolati mill-konvenut jirrigwardaw is-somma msemmija jew il-*quantum* ta' dak li jista' jkun dovut u għalhekk l-eċċezzjonijiet mhumiex sostenibbli tenut kont tat-talba kif dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni. Konsegwentement l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu miċħuda;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi, filwaqt li tiċħad bħala insostenibbli l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba, kif dedotta, bl-ispejjeż kontra l-konvenut";

Il-konvenut ħass ruħu aggravat b'din is-sentenza. Jadduċi

bħala aggravju kostatazzjoni tiegħu li bil-*provi* akkwiżiti rriżulta b'mod inekwivokabbli li l-appellat kien qiegħed jippretendi l-ħlas tas-somma ta' Lm3,000 għal xogħol ġdid li ordna mingħand terzi. Xogħol li hu jsostni li l-attur ma kienx ġie awtorizzat li jagħmel in esekuzzjoni tas-sentenza tat-13 ta' Frar, 1992 *li f'din il-kawża qed jitlob l-awtorizazzjoni li* jesegwixxi. Jallega li l-attur b'mod l-aktar arbitrarju qabad u biddel ix-xogħol *maħdum minnu* b'wieħed ġdid fuq il-pretest li l-Qorti li kienet tat dik is-sentenza kienet iddikjarat b'mod verbali mal-perit tekniku li darba x-xogħol ma sarx entro t-terminu stabbilit allura kellu d-dritt li jibdel ix-xogħol kollu mingħajr il-bżonn li ssir distinzjoni bejn xogħol tajjeb u xogħol ħażin;

L-appellat *jissottometti li kuntrarjament* għal dak li kkunsidrat l-Ewwel Qorti, it-talba li tiġi dedotta f'ċitazzjoni ma tistax tiġi kkunsidrata għaliha mingħajr ma wieħed jieħu konjizzjoni tal-premessi. Jikkontendi li kien jirriżulta biċ-ċar li l-appellat kien qiegħed in forza ta' din is-sentenza tat-13 ta' Frar, 1992, jippretendi l-ħlas ta' *somma ta' Lm3,000;*

Dan l-appell *hu għal kollox insostenibbli u din il-Qorti tara* ġustifikat l-ilment ta' l-appellat li din il-proċedura kienet għal kollox *inutili u ntiża* biss biex tiġi mtawla jew addirittura evitata l-esekuzzjoni tas-sentenza li ngħatat kontra l-appellant aktar minn seba' snin ilu;

Infatti, l-aggravju ta' l-appellant mhu bl-ebda mod relatat mad-decide tas-sentenza appellata *li hi limitata għaċ-ċaħda ta' l-*eċċezzjonijiet tiegħu bħala insostenibbli u konseggwentement dik l-istess sentenza laqgħet *it-talba unika* ta' l-appellat <u>kif dedotta</u>. Din it-talba hi biss lill-Ewwel Qorti biex tiddeċidi l-kawża billi "tirrendi esegwibbli s-sentenza fl-ismijiet **Vincent Tanti *vs* Alexander Micallef**, deċiża mill-allura Qorti tal-

Kummerċ fit-13 ta' Frar, 1992". Bl-ebda mod f'dik it-talba u wisq anqas fid-decide ma hemm xi referenza għall-ammont ta' Lm3,000 li l-appellat jippremetti li nefaq fix-xogħlijiet esegwiti taħt id-direzzjoni ta' l-AIC Michaelangelo Refalo u li huwa jallega li kien awtorizzat li jagħmel fis-sentenza ta' l-1992. Fl-aggravju tiegħu l-appellant jikkontesta din il-pretensjoni ta' l-appellat. Isostni li dan ma kellu l-ebda dritt minħabba inadempjenza aċċettata tiegħu li jbiddel ix-xogħol kollu minnu esegwit iżda kellu biss id-dritt b'dik is-sentenza li jirranġa difetti fejn tali xogħol ma kienx esegwit skond l-arti u s-sengħa. Din il-kontestazzjoni ma ġiet bl-ebda mod epurata u deċiża fis-sentenza appellata. Mill-banda l-oħra, mhux biss fil-preżenti istanza l-attur appellat ma *talabx* dikjarazzjoni *mill-Ewwel* Qorti għall-kanonizzazzjoni ta' l-ammont li hu kien qed jippretendi li nefaq in esekuzzjoni tas-sentenza imma tali ammont ovvjament jibqa' dejjem suġġett għall-verifika mill-Ewwel Qorti f'każ ta' kontestazzjoni mill-konvenut li n-nefqa *ma kinitx skond l-istess sentenza ġustifikata kif jidher* anke mill-preżenti proċeduri li kien qed jikkontesta l-konvenut appellant;

Ċertament ma jista' jkun hemm allura l-ebda dubbju li s-sentenza appellata ma setgħet tagħti lok għal ebda aggravju fis-sens pretiż mill-appellant sakemm il-meritu deċiż ikun limitat - kif kien fil-każ taħt eżami - għall-verifika ta' l-inadempjenza tal-konvenut li jesegwixxi x-xogħlijiet rimedjali fiż-żmien stipulat kif kien ordnat li jagħmel f'dik is-sentenza u għal *dikjarazzjoni li dik is-sentenza kienet għadha allura esegwibbli* avolja kien iddekorra t-terminu statutorju ta' l-effikaċja tagħha li, allura, kien ta' tliet snin. Kull kwistjoni oħra relatata mal-modalità ta' l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza kellha tibqa' ovvjament impreġudikata bejn il-kontendenti u *konsegwentement ma setgħetx tifforma aggravju biex isir appell* dwaru kif ittanta jagħmel l-appellant;

Għal dawn il-motivi, l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.